# L-ARLOĠĠ TAL-KNISJA TA' SAN PUBLJU - FLORIANA

Minn Stephen Zammit

Arluġġar





Tul iż-żminijiet il-bniedem dejjem ħares lejn l-arloġġi bħala oġġetti ta' kumdità jew biex iqassam il-ħin tiegħu, iżda ftit wieħed jagħti kas kif jaħdem jew xi storja li jista' jkollu.

Nirreferi għall-arloġġ tal-knisja ta' San Publju, fejn insibu propju arloġġ antik li mhux wieħed mill-komuni f'Malta. Wara l-minutieri u l-wiċċ ta' l-arloġġ tinsab makna tas-seklu dsatax. Din hija magħmula prinċipalment minn ħadid maħdum u bronż.

Id-daqs tagħha huwa bejn wieħed u ieħor ħames piedi tul, erba' piedi għolja u pied u nofs wiesgħa. Din it-tip ta' makna, hija magħrufa bħala 'Side by Side Birdcage' (Gaġġa ta' għasfur). Dan għaliex il-qafas huwa magħmul minn skeletru ta' kaxxa tal-ħadid mwaqqfa fuq erba' pilastri. Insibu li l-ħadid kien jiġi msaħħan fil-forġa u rbattut. Ma' dan il-qafas hemm imwaħħlin sitt ħadidiet vertikali li bejniethom iżommu r-roti ta' l-arloġġ. Dan it-tip t'arloġġ beda jintuża għal ħabta tas-sena 1670. Din l-istruttura baqgħet tintuża sa tmiem is-seklu tmintax u sakemm il-ħadid mdewweb beda jieħu post il-ħadid maħdum.

Għalhekk tidher li hija makna waħda, fiha nfisha hi maqsuma fi tliet partijiet:



- Ir-roti tal-parti tan-nofs jintużaw biex iħaddmu l-minutieri li naraw aħna minn barra.
- Il-parti tal-lemin hija li tħaddem it-tokki tal-qanpiena tal-kwarti.
- Il-parti tax-xellug hija li tħaddem it-tokki tal-qanpiena tas-sigħat.

L-enerġija biex jaħdem l-arloġġ hija mill-gravità. Kull parti ta' l-arloġġ għandha piż mdendel b'ħabel, li hu mdawwar mar-rombli tar-roti kbar ta' l-arloġġ Għalhekk insibu tliet piżijiet tqal ħafna mdendlin ma' taħt il-makna ta' l-arloġġ. Fuq wara tal-makna nsibu wkoll il-pendlu, li jitbandal il-ħin kollu biex jerħi r-roti tal-ħin jduru sinna sinna. B'hekk nisimgħu t-tektika ta' l-arloġġ.

Ftit naħsbu li meta jiġi biex idoqq l-arloġġ, jaħdmu it-tliet partijiet kważi flimkien. Dan għaliex kull kwarta taqa' ħadida żgħira fejn tħaddem il-naħa tal-kwarti, u din n-naħa tgħolli ħadid



ieħor biex tħaddem in-naħa tas-sigħat. Għalkemm tinstema' li hija kumplikata, fil-fatt hija magħmula b'sempliċità kbira b'sistema ta' ħadid li jgħaddu min-naħa għall-oħra tal-makna.

Id-daqq jinstema' permezz ta' mrietel ġol-kampnar, miġbuda miż-żewġ naħat tal-ġnub tal-makna. Hija xi ħaġa interessanti wieħed jinnota li saret tibdila fl-istruttura tal-ħadid biex jiċċekken it-tul tax-xaftijiet tar-roti. Aktar tard fiż-żmien, l-arloġġi bdew jiġu mibnija b'dan il-mod irranġat. Għalhekk ninnota li min għamel l-arloġġ kien aġġornat fuq kif qegħdin isiru l-arloġġi dak iż-żmien. Huwa fatt li għamel l-arloġġ b'alterazzjoni lesta biex juża inqas materjal, u ma jiħux aktar spazju fil-makna. Din it-tibdila tikkonsisti f'biċċa ħadida li tgħaddi minn ġo nofs il-makna fuq xiex iduru r-roti tan-nofs. Minħabba f'hekk, ir-roti tan-nofs huma magħmulin b'xaft iqsar mill-oħrajn.



Nista' ngħid fiċ-ċert li l-alterazzjoni saret minn min għamel l-arloġġ, għax magħmula bl-istess teknika u materjal. Għalkemm dan l-arloġġ mhux iffirmat, dan jagħti lemħa tajba lill-arloġġ tal-knisja taż-Żurrieq li għandu l-istess tibdila kif ukoll ta' l-istess għamla. Għalhekk jista' jkun li l-arloġġ tal-Furjana (San Publju) hu magħmul minn Gejtanu Vella, jew it-tfal tiegħu.

L-unika skrizzjoni, tinstab fuq ir-rota tal- 'counter' tas-sigħat fejn tgħid: "1834 Machjna Fatta da Maestro Maltese" jiġifieri makna magħmula minn mgħallem Malti (Din ikkupjata kif miktuba eżatt fuq il-ħadida)

Fis-sena 1984 l-arloġġ ġie modifikat minn Anthony Bugeja biex jieħu l-ħabel bl-elettriku. Dan serva biex is-sagristan jiffranka li joqgħod jitla' ħdejh kuljum peress li dawn it-tip ta' arloġġi antiki kien ikollhom tletin siegħa ħabel biss.



**Stephen Zammit - kittieb ta' dan l-artiklu**

Nispiċċa billi ngħid li hija xi ħaġa sabiħa li tara arloġġ antik bħal dan, li wara dawn is-snin kollha, għadu jaħdem u jdoqq bħal meta ġie magħmul. Naturalment hemm affarijiet li bdew jidhru li għadda ż-żmien minn fuqhom u li ħadmu wkoll. Iżda għalkemm aħna ngorru li jtir iż-żmien, dan l-arloġġ, waqt li jtektek u jdoqq, ikun jidħqilna l-ħin kollu għax diġa' għex iktar minna.

**Frar 2004**